Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 20,091, 20 ta' Novembru, 2018
Taqsima B

A.L. 387 tal-2018

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti tal-2018 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2014 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-Grad ta' Master of Gender Studies – M.G.S. - taħt il-patroċinju tal-Fakultà għat-Tisħiħ tas-Soċjetà

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74(5) u 75(6) ta' l-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Fakultà għat-Tisħiħ tas-Soċjetà bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 81(1)(ċ) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 81(2) ta' dak l-Att:

It-Titlu

1. Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2018 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2014 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-grad ta' Master of Gender Studies – M.G.S. - u għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda mal-Ordinamenti tal-2014 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-grad ta' Master of Gender Studies – M.G.S. - taħt il-patroċinju tal-Fakultà għat-Tisħiħ tas-Soċjetà, ippubblikati bħala Avviż Legali 386 tal-2014, li minn hawn 'il quddiem jissejħu "l-ordinamenti prinċipali".

L-Applikabilità

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2018 jew wara.

L-Emenda għall-ordinament 7 tal-ordinamenti prinċipali

3. Minflok il-paragrafu (3) tal-ordinament 7 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"(3) It-titlu provviżorju u proposta qasira provviżorja għandhom ikunu sottomessi fil-format meħtieġ fil-bidu tat-tieni semestru. It-titlu propost għad-dissertazzjoni u l-proposta tar-riċerka dettaljata li tiddiskrivi l-proġett propost u l-mistoqsijiet ewlenin li għandhom jiġu indirizzati għandhom ikunu sottomessi lill-Bord tal-Istudji għall-approvazzjoni sa mhux aktar tard minn sitt ġimgħat wara l-approvazzjoni tal-proposta provviżorja."

L-Emenda għall-ordinament 8 tal-ordinamenti prinċipali

4. Minflok il-paragrafu (1) tal-ordinament 8 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"8. (1) Il-Bord għandu jaħtar Panil ta' Superviżjoni għal kull student, normalment magħmul minn tliet membri kif ġej: id-Dekan tal-Fakultà, jew id-delegat tiegħu/tagħha bħala *Chairperson*, u żewġ membri oħra, li wieħed minnhom ikun is-superviżur prinċipali, iżda meta d-Dekan tal-Fakultà jkun is-superviżur, dan ma jistax imexxi l-panil."